

Emenda 11

João Pimenta Lopes, Sandra Pereira
f'isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0062/2022

Nicolae Ștefănuță

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III
(2021/2226(BUI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 31***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

31. *Jenfasizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' appoġġ finanzjarju adegwat għas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża, li jappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tad-difiża; jappella għal sforzi akbar biex jissaħħu l-iskjerabbiltà u l-effettività operazzjonali u biex tittejjeb il-mobilità militari, anke bil-ħsieb li jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-istabbiltà fil-viċinat tal-UE u lil hinn minnu, u biex jiġi indirizzat it-theddid ibridu u ċibernetiku; iqis li tali sforzi jżidu l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jsaħħu l-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea; jappella, barra minn hekk, għal finanzjament adegwat għall-Fond għas-Sigurtà Interna;*

31. *Jirrifjuta ż-żieda fl-allokkazzjoni tal-baġit għall-militarizzazzjoni, b'mod speċifiku, għall-armi, l-infrastruttura, il-kapaċità u l-mobilità militari; jirrifjuta l-eskalazzjoni attwali tal-militarizzazzjoni tal-UE, inkorporata fil- "Boxxla Strateġika"; jappella bil-qawwa biex fondi mill-baġit tal-UE għall-azzjoni esterna (bl-eċċezzjoni ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp), għas-sorveljanza u l-esternalizzazzjoni tal-fruntieri, għall-militarizzazzjoni u l-programmi ta' komunitarizzazzjoni tas-sigurtà jiġu riallokati biex jgħinu lill-Istati Membri jindirizzaw is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali abbażi tal-prinċipju tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, jiġifieri bil-ħsieb li tinkiseb konverġenza fil-progress ekonomiku u soċjali;*

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/12

Emenda 12

João Pimenta Lopes, Sandra Pereira
f'isem il-Grupp The Left

Rapport

Nicolae Ștefănuță

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III
(2021/2226(BUI))

A9-0062/2022

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Huwa tal-fehma li l-kumpaniji li jonqsu milli jissodisfaw l-ogħla standards soċjali u tax-xogħol u milli jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem – b'mod partikolari dawk li l-mudell organizzattiv tagħhom huwa bbażat fuq relazzjonijiet ta' impjiegi prekarji jew li jagħlqu u jkeċċu l-ħaddiema mingħajr raġuni apparenti – għandhom jiġu pprojbiti milli jaċċedu għall-fondi pubbliċi, inklużi l-fondi tal-UE;

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/13

Emenda 13

João Pimenta Lopes, Sandra Pereira
f'isem il-Grupp The Left

Rapport

Nicolae Ștefănuță

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III
(2021/2226(BUI))

A9-0062/2022

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 39a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

39a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fil-bosta forom u kawżi ewlenin tagħha u tadotta miżuri speċifiċi għal kull wieħed mill-aspetti tagħha, filwaqt li tissalvagwardja l-bilanċ tad-drittijiet bejn l-irġiel u n-nisa fl-isferi kollha tal-ħajja: id-dritt għall-integrità fiżika u morali, id-dritt għall-protezzjoni legali u għall-aċċess għall-grati biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri jsaħħu s-servizzi tas-saħħa pubblika bla ħlas u ta' kwalità għolja, b'mod partikolari s-servizzi li jikkonċernaw id-drittijiet sesswali u riproduttivi u l-appoġġ għan-nisa vittmi tal-vjolenza, kif ukoll billi jżidu l-għadd ta' postijiet ta' kenn u postijiet, b'appoġġ speċjalizzat għan-nisa ta' nazzjonalitajiet differenti u b'lingwi differenti; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li l-pakkett finanzjarju għall-programm Daphne jrid jissaħħaħ; huwa tal-fehma li huwa daqstant importanti li jissaħħaħ il-pakkett finanzjarju għall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE);

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/14

Emenda 14

João Pimenta Lopes, Sandra Pereira
f'isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0062/2022

Nicolae Ștefănuță

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III
(2021/2226(BUI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

41a. Jappella għal impenn ġenwin biex jiġi implimentat il-prinċipju tal-multilingwiżmu; jappella bil-qawwa, f'dak ir-rigward, biex jissaħħaħ il-finanzjament għas-servizzi tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni fl-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari fil-Parlament Ewropew;

Or. pt